TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 181/16-F

**Edigio Faure**

**vs**

**Finian Buttigieg u l-kjamat in kawża Joseph Xuereb**

Illum 13 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija u tmienja u għoxrin ewro (€528), rappreżentanti prezz ta' televixin.

L-intimat Finian Buttigieg ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għall-ewwel seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara televixin mingħand Defiant Ltd., illi jirriżulta li l-propjeta' nkriet lil Finian Buttigieg li kien bagħatlu technician, u minflok irranġalu t-televixin mar għall-agħar għax uża program ħażin.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimati ppruvaw iwaħħlu f'xulxin, pero' jirriżulta ċar illi t-televixin inxtara mingħand Defiant Ltd., u l-ħsara ġiet ikkawżata minn Finian Buttigieg li meta bagħatlu technician, li għalkemm ma kienx obligat li jibgħatulu, ikkawżalu aktar ħsara.

It-Tribunal, għalhekk jinnota li r-rikorrenti għandu raġun jilmenta dwar it-televixin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata Defiant Ltd., tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bħala l-parti tagħha għad-danni, u mitejn ewro (€200) mingħand Finian Buttigieg li kkawżalu l-ħsara meta mar u bagħatlu t-technician, u bl-ispejjeż jitħallsu ugwalment bejn iż-żewġ intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888